**IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 26 ta' Settembru 2023**

**Talba numru 34/2022SFJ**

***BROADWING LIMITED (C84543)***

***VS.***

***RAYMOND SIVE RAMON MICALLEF (0340670M) F'ISMU PROPRJU U GĦAN-NOM U IN RAPPREŻENTANZA TAL-KUMPANIJA MICRA LIMITED (C57445)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fit-28 ta' Jannar 2022 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi talbet li l-konvenuti jkunu kkundannati jħallsuha s-somma ta' tlett elef u ħames mija u erbgħin Ewro (€3,540) rappreżentanti ammont dovut għal servizzi reżi;

Ra r-Risposta ppreżentata fit-23 ta' Marzu 2022 li permezz tagħha ġie eċċepit:

- Li Raymond sive Ramon Micallef ma kienx leġittimu kontradittur stante li ma kien hemm ebda relazzjoni ġuridika bejnu u bejn is-soċjetà attriċi;

- Li l-ammont mitlub mis-soċjetà attriċi ma kienx ġustament dovut lilha;

- Li filwaqt li ma kienx ikkontestat li s-soċjetà attriċi pprestat servizzi ta' *recruitment* li wasslu sabiex tiġi impjegata ċertu Kylie Vella mas-soċjetà konvenuta, l-ammont dovut fir-

rigward, *ai termini* tal-kuntratt (dokument A anness mal-Avviż tat-Talba) ma jammontax għas-somma pretiża mis-soċjetà attriċi;

- Li kienet biss l-intransiġenza tas-soċjetà konvenuta li wasslet għal din il-kawża fis-sens li wara li nġibditilha l-attenzjoni għall-kalkoli skorretti tagħha, naqset li taġġusta l-ammont relattiv, u għalhekk il-konvenuti ma kellhom jerfgħu ebda responsabilità għall-ispejjeż.

Sema' il-provi, ra d-dokumentazzjoni kollha, u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għas-26 ta' Settembru 2023.

**Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

1. *L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti*

Il-*letter of engagement* annessa mal-Avviż tat-Talba tgħid li "*client*" huwa "*…the physical person or entity signing the Letter of Engagement.*"

Jirriżulta li l-*letter of engagement* ġiet iffirmata minn Ramon Micallef u l-kaxxa intestata "*Company Reg. No.*" tħalliet vojta. Ġie mniżżel *VAT number*, li eventwalment, matul id-depożizzjoni tiegħu, Ramon Micallef spjega li kien tas-soċjetà Micra Limited, ġestita minnu. Madankollu, meta xehed Ben Pace in ri-eżami (*a fol.* 75 u 76), huwa qal li meta ra l-*VAT number* miktub fuq il-*letter of engagement*, ma kienx jaf li dak kien jappartjeni lil Micra Limited u mhux lil Ramon Micallef personalment.

Huwa kjarament nuqqas tal-konvenut Ramon Micallef li naqas li jispeċifika li l-intenzjoni tiegħu kienet li jiffirma f'isem Micra Limited u li naqas li jniżżel il-*company registration number*. Madankollu, it-Tribunal ma jistax iwaqqaf l-analiżi tiegħu hawn.

Ir-raba' taqsima tal-*letter of engagement*, intestata "*Fees*", tgħid:

> "*If, following the introduction, the Client or any associated company, subsequently employs or remunerates any Job Applicant within a time period of 12 (twelve) months from the date of introduction of such Job Applicant by BROADWING, a fee becomes payable immediately upon commencement…*"

Dwar il-miżati pagabbli, il-*letter of engagement* tkompli tgħid li l-miżati pagabbli lis-soċjetà attriċi jiddependu fuq il-*gross annual salary* li l-applikant għall-pożizzjoni jkun aċċetta mill-impjegant prospettiv. Applikat għall-fatti ta' din il-kawża, dan ifisser li jekk l-applikanta, eventwalment impjegata, Kylie Vella, aċċettat *gross annual salary* ta' €20,000, il-miżata pagabbli lis-soċjetà attriċi kellha tinħadem abbażi tal-figura ta' €20,000.

L-*e-mails* esebiti *a fol.* 40 *et seq.* jindikaw li meta Ramon Micallef ikkomunika ma' Kylie Vella, għamel dan mill-*e-mail address* tal-kumpanija (ramon@micra.com.mt). Inoltre, il-kontenut tal-*e-mail* relattiva jagħmilha ċara li Kylie Vella kienet ser taħdem mas-soċjetà Micra Limited u ma kinitx ser titħaddem minn Ramon Micallef f'xi kapaċità tiegħu bħala persuna *self-employed*. Il-paragrafu (ċ) tal-*e-mail*, fil-fatt, jgħid:

"*The Company will pay you a salary of Euro 20,000 gross per annum…*"

Dan huwa msaħħaħ mill-*payslips* esebiti *a fol.* 67 *et seq.*, li jindikaw bl-aktar mod ċar li Kylie Vella kienet impjegata ta' Micra Limited u ħadd aktar. Għalhekk, dan ifisser li skont it-taqsima tal-*letter of engagement* intestata "*Fees*", ikkwotata hawn fuq, is-soċjetà attriċi għandha *se mai* titħallas minn min effettivament jimpjega lill-applikanta. F'dan il-każ, din hija Micra Limited.

Ħaġa oħra li t-Tribunal huwa tal-fehma li għandu jikkonsidra huwa li meta s-soċjetà attriċi ippreżentat ittra uffiċjali (kopja *a fol.* 42 tal-atti), l-interpellazzjoni għall-ħlas kienet diretta kontra Micra Limited u ħadd aktar. Is-soċjetà attriċi ma spjegatx għaliex fiż-żmien bejn il-preżentata tal-ittra uffiċjali u l-ftuħ ta' din il-kawża, hija donnha biddlet il-ħsieb.

Għalhekk it-Tribunal jilqa' l-ewwel eċċezzjoni u b'hekk jillibera lil Raymond sive Ramon Micallef personalment mill-osservanza tal-ġudizzju.

2. *Il-mertu*

Mill-atti, it-Tribunal qiegħed jifhem li l-pożizzjoni ta' Micra Limited hija li billi hija ħassitha kostretta tnaqqas il-pagi tal-ħaddiema tagħha minħabba diffikultajiet relatati mal-pandemija, u kellha tistrieħ fuq il-*wage supplement* offrut mill-Gvern, il-miżata applikata mis-soċjetà attriċi għas-servizzi pprestati kellha tinħadem mhux abbażi tal-*gross annual salary* aċċettat minn Kylie Vella, iżda abbażi tas-salarju ridott li tħallas matul il-pandemija. Konsegwentement, Micra Limited tgħid li l-miżata kellha tkun imnaqqsa.

F'dan il-punt it-Tribunal jagħmilha ċara li m'hemm ebda prova li f'xi punt jew ieħor saru lmenti jew tgergir dwar il-kwalità tas-servizzi pprestati mis-soċjetà attriċi. M'hemm ebda allegazzjoni li sar xogħol ħażin jew traskurat jew mhux skont l-arti u s-sengħa.

F'*e-mail* datata 9 ta' Lulju 2021 (*a fol.* 11), Ramon Micallef jgħid lil Ben Pace (direttur tas-soċjetà attriċi) li l-ħlas kien ser isir hekk kif is-sitwazzjoni titjieb. Kuntrarjament għal dak eċċepit fl-eċċezzjonijiet immarkati "b" u "ċ", Micallef ma qalx lil Pace li l-kalkoli tas-soċjetà attriċi kienu skorretti, anzi qal li l-ħlas kien ser isir.

It-Tribunal ra li huwa eċċepit li *se mai,* l-ammont dovut lis-soċjetà attriċi ma jammontax għal dak mitlub fl-Avviż tat-Talba. Dan, iżda, mhuwiex sorrett mill-provi, billi l-konvenuti kompletament naqsu milli jipprovdu xi ċifra alternattiva jew xi metodu alternattiv għall-kalkolu. Jekk Micra Limited tgħid li l-ammont dovut lis-soċjetà attriċi huwa inqas minn dak mitlub fl-Avviż tat-Talba, hija għandha almenu tgħid x'inhu dan l-ammont jew almenu tgħid kif għandu jiġi kkalkulat.

Dwar l-eċċezzjoni mmarkata bl-ittra "ċ", it-Tribunal josserva li Ramon Micallef xehed li xi *accountant* ta' Micra Limited ġibidlu l-attenzjoni dwar il-kalkoli allegatament skorretti tas-soċjetà attriċi. Sfortunatament dan l-*accountant* ma ġiex imsejjaħ biex jixhed u b'hekk jixħet ftit dawl fuq din l-eċċezzjoni.

Jirriżulta mill-*e-mail* esebita *a fol.* 40 li Micra Limited għamlet l-offerta formali lil Kylie Vella permezz ta' *e-mail* datata 11 ta' Jannar 2021. It-Tribunal josserva li l-pandemija kienet diġà ilha madwar disa' xhur li laqtet lil Malta u l-effetti ekonomiċi kienu bdew jinħassu. Għalhekk, meta

Micra Limited bdiet il-proċess biex tuża s-servizzi tas-soċjetà attriċi, messha almenu staqsiet dwar kif tinħadem il-miżata tas-soċjetà attriċi jekk jirriżulta li Micra Limited (jew addirittura kull klijent ieħor) tkun qed toffri salarju ridott bl-użu tal-*wage supplement*, speċjalment meta rat li l-i*standard form contract* tas-soċjetà attriċi donnu ma kienx jipprovdi għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza nazzjonali.

Wara li eżamina l-provi prodotti, it-Tribunal huwa konvint li s-soċjetà konvenuta qed tagħmel tentattiv fjakk sabiex tipprova taħrab id-doveri kuntrattwali tagħha, liema doveri ġew minnha assunti b'mod liberu. M'hemm xejn fil-provi prodotti li juri li l-ammont pretiż mis-soċjetà attriċi mhuwiex dovut *in parte* jew *in toto* u lanqas provi li juru li l-kalkoli tas-soċjetà attriċi mhumiex korretti.

Konsegwentement, it-talbiet tas-soċjetà attriċi jimmeritaw li jintlaqgħu.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, wara li sema' l-provi, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi:

i. Jilqa' l-ewwel eċċezzjoni u konsegwentement jillibera lil Raymond sive Ramon Micallef mill-osservanza tal-ġudizzju;

ii. Jiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet u għalhekk jilqa' t-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi inkwantu diretti kontra Micra Limited u konsegwentement jikkundanna lil Micra Limited sabiex tħallas lil Broadwing Limited is-somma ta' tlett elef u ħames mija u erbgħin Ewro (€3,540) bl-imgħax kalkulabbli b'rata mhux ogħla mir-rata massima li tippermetti l-liġi u dekorribbli mit-18 ta' Frar 2021 sad-data tal-pagament effettiv;

iii. Jilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi anki fis-sens li jikkundanna lil Micra Limited sabiex tħallas lil Broadwing Limited l-ispejjeż kollha konnessi mal-ittra uffiċjali numru 2178/2021.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu interament mis-soċjetà Micra Limited.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
***B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.***
**Ġudikatur**